



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6043/1/23  
REV 1

MI 80  
COMPET 77  
IND 36

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kompetittività u produttività fit-tul – Is-suq intern wara 30 sena u lil hinn - Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness in-nota tal-Presidenza għad-dibattitu ta' orjentazzjoni  
"Kompetittività u produttività fit-tul – Is-suq intern wara 30 sena u lil hinn"

**Nota tal-Prezidenza: Kompetittività u produttività fit-tul – Is-suq intern wara 30 sena u lil hinn (Dibattitu ta' Orjentazzjoni tal-Kunsill Kompetittività, 2 ta' Marzu 2023)**

Is-saħħa, ir-reżiljenza u l-pożizzjoni globali tal-Ewropa jiddependu mill-produzzjoni ekonomika tagħna u l-kompetittività tal-ekonomija tagħna. F'dan ir-rigward, in-negozji u l-industrija tal-UE jibbenefikaw milli joperaw f'suq miftuħ madwar l-UE kkaratterizzat minn kompetizzjoni effettiva, prezzijiet tal-enerġija kompetittivi, ambjent regolatorju stabbli, innovazzjoni u aċċess għall-kapital u milli jkunu konnessi mas-swieq globali. Is-Suq Uniku joffri suq domestiku fuq skala kbira għan-negozji tal-UE biex jikbru u jikkompetu globalment u hekk għamel matul dawn l-aħħar 30 sena.

Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, l-ekonomija Ewropea ffaċċjat sfidi sinifikanti. Il-COVID-19, l-inflazzjoni, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja biddlu drastikament ir-realtà għan-negozji tal-UE. Iż-żieda fil-kompetizzjoni ġeoeconomika dgħajfet il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-livell globali. Il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE ġiet enfasizzata mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 u d-9–10 ta' Frar 2023. Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era tan-Newtralità Klimatika, li għandu l-għan li jipprovdi ambjent ta' appoġġ biex tiżdied il-kapaċità tal-manifattura tal-UE għat-teknoloġiji u l-prodotti newtrali għall-klima meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-UE.

Minbarra li tistabilixxi perkors lejn emissjonijiet żero netti u tindirizza l-ħtiġijiet fuq terminu qasir tan-negozji, l-Ewropa trid tilqa' sfidi ekonomiċi fit-tul. F'Diċembru 2022, il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-UE trid tindirizza speċifikament id-distakk fit-tkabbir u l-innovazzjoni bejn l-Ewropa u l-kompetituri globali tagħha u stieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija biex tagħti spinta lill-kompetittività u l-produttività. Il-konklużjoni ġiet imtennija fid-9 ta' Frar u l-Kunsill Ewropew ser jerġa' jindirizza dan is-suġġett fit-23–24 ta' Marzu 2023.

F'Marzu 2023, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-Komunikazzjoni "It-30 sena mis-Suq Uniku" u tenfasizza t-30 anniversarju tas-Suq Uniku. Flimkien mar-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku tal-2023 u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, il-Komunikazzjoni ser titfa' dawl fuq l-importanza tas-Suq Uniku kif ukoll fuq it-triq 'il quddiem biex dan isir aktar b'saħħtu.

Dawn l-inizjattivi huma mistennija li jipprovdu bażi solida biex l-UE titpoġġa fit-triq lejha kompetittività msaħħa u ekonomija aktar reżiljenti.

### **Mudell Ewropew għall-kompetittività fit-tul**

Biex il-produttività u t-tkabbir jerġgħu lura fit-triq it-tajba jenħtieġ li nidentifikaw mudell Ewropew fit-tul għall-kompetittività – pjan determinat biex tissaħħa il-kompetittività tal-UE.

Iċ-ċelebrazzjoni tat-30 anniversarju tas-Suq Uniku hija punt tat-tluq naturali għal diskussjoni dwar il-modalitajiet ta' pjan bħal dan. Neħtieġ li s-Suq Uniku jkompli jkun mutur b'saħħtu għall-impjiegi, l-intraprenditorija, it-tranżizzjoni ekoloġika, u t-tkabbir sostenibbli matul it-tletin sena li ġejjin. L-analiżi turi li Suq Uniku li jiffunzjona bis-sihh jista' jiġġenera benefiċċju ekonomiku ġenerali għal madwar 12 fil-mija tal-PDG addizzjonali fl-UE kull sena. Ma nistgħux nitilfu din l-opportunità.

Madankollu, strateġija Ewropea komprensiva għall-produttività u l-kompetittività hija usa' minn dan. Jenħtieġ li tinkludi l-oqsma ta' politika rilevanti kollha li jiddeterminaw il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji fis-suq globali. Naturalment tibni fuq il-valuri u l-ispeċifiċitajiet ewlenin tal-mudell ekonomiku tagħna – ekonomija tas-suq, ftuħ, innovazzjoni, sostenibbiltà, saħħa u protezzjoni ambjentali u ambjent li jiffavorixxi n-negozju. Barra minn hekk, peress li d-domanda globali għal prodotti u servizzi ħielsa mill-fjuwils fossili qed tikber, it-tranżizzjoni klimatika u l-aċċess għal enerġija mingħajr fjuwils fossili affordabbli ser ikunu l-pedament għall-kompetittività fit-tul. L-UE diġà tinsab fi stadju avanzat tat-tranżizzjoni klimatika u għandha tibni fuqha biex issir mexxejja tas-suq fit-teknoloġiji ekoloġiċi. Fl-aħħar mill-aħħar, fatturi bħal dawn ser ikunu deċiżivi f'termini ta' fejn il-kumpaniji jillokalizzaw l-operazzjonijiet tagħhom u fejn ser iseħħ it-tkabbir ekonomiku futur.

Hawn taħt hawn xi pilastri ssuġġeriti ta' mudell Ewropew għall-kompetittività fit-tul:

- *Ir-rispett tal-prinċipji tal-ekonomija tas-suq taġġna, inkluż l-approfondiment tas-Suq Uniku*

Tkomplija tal-provvediment tal-aħjar kundizzjonijiet possibbli għal ekonomija soda u miftuħa bbażata fuq kompetizzjoni effettiva, investiment privat, il-libertà ta' moviment u politika industrijali robusta li tippermetti t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. L-infurzar tal-acquis tas-Suq Uniku għandu jissaħħa u l-frammentazzjoni għandha tiġi evitata.

- *Ftuħ strateġiku b'appoġġ għall-kummerċ ħieles globali*

L-isforzi biex jiżdiedu l-opportunitajiet u s-sħubijiet kummerċjali huma elementi kostitwenti biex tiżdied il-produttività u biex l-ekonomija taġġna ssir aktar reżiljenti. Il-politika kummerċjali hija kruċjali biex jinfetħu swieq strateġiċi ġodda u jiġi żgurati aċċess għal inputs kritiċi tul il-ktajjen tal-valur kollha.

- *Regolamentazzjoni aħjar bi spinta għal żieda fil-produttività.*

Qafas regolatorju koerenti bbażat fuq valutazzjonijiet tal-impatt, konsultazzjonijiet u evalwazzjonijiet ta' kwalità għolja. Hemm bżonn li jiġu indirizzati l-piżijiet regolatorji bla bżonn. L-impenn tal-President von der Leyen li l-proposti leġislattivi kollha jkollhom jgħaddu minn eżami tal-kompetittività u jindirizzaw impatt sproporzjonat possibbli fuq l-SMEs huwa parti minn din il-kobba.

- *Innovazzjoni*

L-innovazzjoni hija komponent kruċjali fit-tiħiħ tal-kompetittività, mhux l-inqas fit-teknoloġiji u l-prodotti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Ewropa. Xi vetturi importanti biex jikkatalizzaw l-innovazzjoni tal-UE jinkludu l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, l-infrastruttura għall-kondiviżjoni tas-sejbiet tar-riċerka u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali.

– *Provvista tal-enerġija kompetittiva u sigura*

L-aċċess għal enerġija u produzzjoni tal-elettriku kompetittivi u ħielsa mill-fjuwils fossili huwa kruċjali biex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali b'kompetittività sostnuta. B'zonn ta' kawtela dwar regolamentazzjoni mhux meħtieġa biex jiġu minimizzati r-riskji li jonqsu l-investimenti kapitali f'sistema tal-enerġija robusta.

Il-Ministri huma mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar is-suġġetti li ġejjin għal diskussjoni fil-Kunsill COMPET tat-2 ta' Marzu 2023:

1. Meta wieħed iqis l-istrateġija antiċipata għall-kompetittività fit-tul u l-Komunikazzjoni "It-30 sena mis-Suq Uniku", x'taħseb li huma l-elementi u l-azzjonijiet ewlenin għall-UE biex ittejjeb il-kompetittività u l-produttività tagħha matul id-deċennji li ġejjin?
2. Liema elementi u azzjonijiet huma kruċjali biex in-negozji jiġu inċentivati jinnovaw u jinvestu fl-UE?